**ANNESS I**

**LISTA TA` L-ISMIJIET, GĦAMLA FARMAĊEWTIKA, QAWWIET TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI, MNEJN JINGĦATAW, L-APPLIKANT(I), ID-DETENTURI TA` L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ FL-ISTATI MEMBRI**

| Stat Membru | Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | L-Applikant | Isem Ivvintat | Qawwa | Għamla Farmaċewtika | Mnjen jingħata |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Awstrija | | Nycomed Pharma GmbH, EUROPLAZA Gebäude F Technologiestraße 5 A-1120 Wien | Alvesco 40 µg Dosieraerosol | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Awstrija | | Nycomed Pharma GmbH, EUROPLAZA Gebäude F Technologiestraße 5 A-1120 Wien | Alvesco 80 µg Dosieraerosol | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Awstrija | | Nycomed Pharma GmbH, EUROPLAZA Gebäude F Technologiestraße 5 A-1120 Wien | Alvesco 160 µg Dosieraerosol | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Awstrija | | Nycomed GmbH Byk-Gulden-Str. 2 D-78467 Konstanz | Amavio 40 µg Dosieraerosol | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Awstrija | | Nycomed GmbH Byk-Gulden-Str. 2 D-78467 Konstanz | Amavio 80 µg Dosieraerosol | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Awstrija | | Nycomed GmbH Byk-Gulden-Str. 2 D-78467 Konstanz | Amavio 160 µg Dosieraerosol | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Belġju | Nycomed Belgium s.c.a./c.v.a. Gentsesteenweg 615 B-1080 Brussels | | Alvesco 40 microgram, aërosol, oplossing | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Belġju | Nycomed Belgium s.c.a./c.v.a. Gentsesteenweg 615 B-1080 Brussels | | Alvesco 80 microgram, aërosol, oplossing | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Belġju | Nycomed Belgium s.c.a./c.v.a. Gentsesteenweg 615 B-1080 Brussels | | Alvesco 160 microgram, aërosol, oplossing | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |

| Stat Membru | Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | L-Applikant | Isem Ivvintat | Qawwa | Għamla Farmaċewtika | Mnjen jingħata |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgarija | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 40 Inhaler | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Bulgarija | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 80 Inhaler | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Bulgarija | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 160 Inhaler | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Ċipru | | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 40 micrograms Inhaler | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Ċipru | | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 80 micrograms Inhaler | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Ċipru | | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 160 micrograms Inhaler | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Ir-Repubblika Ċeka | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 Inhaler | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Ir-Repubblika Ċeka | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 Inhaler | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Id-Danimarka | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 micrograms pressurised inhalation, solution | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Id-Danimarka | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 micrograms pressurised inhalation, solution | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |

| Stat Membru | Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | L-Applikant | Isem Ivvintat | Qawwa | Għamla Farmaċewtika | Mnjen jingħata |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 micrograms pressurised inhalation, solution | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Estonja | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 micrograms pressurised inhalation, solution | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Estonja | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 micrograms pressurised inhalation, solution | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Estonja | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 micrograms pressurised inhalation, solution | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Finlandja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 micrograms pressurised inhalation, solution | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Finlandja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 micrograms pressurised inhalation, solution | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Finlandja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 micrograms pressurised inhalation, solution | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Franza | | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 40 microgrammes, dose solution pour inhalation en flacon pressurisé | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |

| **Stat Membru** | **Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **L-Applikant** | **Isem Ivvintat** | **Qawwa** | **Għamla Farmaċewtika** | **Mnjen jingħata** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Franza | | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 80 microgrammes, dose solution pour inhalation en flacon pressurisé | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Franza | | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 160 microgrammes, dose solution pour inhalation en flacon pressurisé | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Ġermanja | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 Mikrogramm Druckgasinhalation, Lösung | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Ġermanja | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 Mikrogramm Druckgasinhalation, Lösung | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Ġermanja | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 Mikrogramm Druckgasinhalation, Lösung | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Greċja | Nycomed Hellas S.A.<br>Kifissias Ave 196<br>GR-15231 Chalandri | | Alvesco 80 mcg/Dose | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Greċja | Nycomed Hellas S.A.<br>Kifissias Ave 196<br>GR-15231 Chalandri | | Alvesco 160 mcg/Dose | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Greċja | Nycomed Hellas S.A.<br>Kifissias Ave 196<br>GR-15231 Chalandri | | Freathe 80 mcg/Dose | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |

| **Stat Membru** | **Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **L-Applikant** | **Isem Ivvintat** | **Qawwa** | **Għamla Farmaċewtika** | **Mnjen jingħata** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Greċja | Nycomed Hellas S.A.<br>Kifissias Ave 196<br>GR-15231 Chalandri | | Freathe 160 mcg/Dose | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Greċja | Nycomed Hellas S.A.<br>Kifissias Ave 196<br>GR-15231 Chalandri | | Amavio 80 mcg/Dose | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Greċja | Nycomed Hellas S.A.<br>Kifissias Ave 196<br>GR-15231 Chalandri | | Amavio 160 mcg/Dose | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Ungerija | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 mikrogramm túlnyomásos inhalációs oldat | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Ungerija | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 mikrogramm túlnyomásos inhalációs oldat | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Ungerija | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 mikrogramm túlnyomásos inhalációs oldat | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-islanda | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 innúdalyf | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-islanda | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 innúdalyf | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-islanda | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 innúdalyf | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Irlanda | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz<br>Germany | | Alvesco 40 micrograms pressurised inhalation solution | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |

| Stat Membru | Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | L-Applikant | Isem Ivvintat | Qawwa | Għamla Farmaċewtika | Mnjen jingħata |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz<br>Germany | | Alvesco 80 micrograms pressurised inhalation solution | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Irlanda | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz<br>Germany | | Alvesco 160 micrograms pressurised inhalation solution | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Italja | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Italja | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Italja | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Latvja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 inhalators | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Latvja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 inhalators | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Latvja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 inhalators | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Litwanja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Litwanja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |

| **Stat Membru** | **Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **L-Applikant** | **Isem Ivvintat** | **Qawwa** | **Għamla Farmaċewtika** | **Mnjen jingħata** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Litwanja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Lussemburgu | Nycomed Belgium s.c.a./c.v.a.<br>Gentsesteenweg 615 B-B-1080 Brussels | | Alvesco 40 Aérosol doseur | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Lussemburgu | Nycomed Belgium s.c.a./c.v.a.<br>Gentsesteenweg 615 B-B-1080 Brussels | | Alvesco 80 Aérosol doseur | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Lussemburgu | Nycomed Belgium s.c.a./c.v.a.<br>Gentsesteenweg 615 B-B-1080 Brussels | | Alvesco 160 Aérosol doseur | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Malta | | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 40 Inhaler | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Malta | | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 80 Inhaler | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Malta | | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 160 Inhaler | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Olanda | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 Inhalator | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Olanda | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 Inhalator | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Olanda | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 Inhalator | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |

| **Stat Membru** | **Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **L-Applikant** | **Isem Ivvintat** | **Qawwa** | **Għamla Farmaċewtika** | **Mnjen jingħata** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| In-Norveġja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 micrograms/dose inhalasjonsaerosol, oppløsing | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| In-Norveġja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 micrograms/dose inhalasjonsaerosol, oppløsing | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| In-Norveġja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 micrograms/dose inhalasjonsaerosol, oppløsing | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Polonja | Nycomed Pharma Sp. z o.o.<br>Al. Jerozolimskie 146 A<br>PL-02-305 Warszawa | | Alvesco 40 | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Polonja | Nycomed Pharma Sp. z o.o.<br>Al. Jerozolimskie 146 A<br>PL-02-305 Warszawa | | Alvesco 80 | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Polonja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Portugall | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 40 Inalador | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Portugall | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 80 Inalador | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Il-Portugall | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 160 Inalador | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |

| **Stat Membru** | **Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **L-Applikant** | **Isem Ivvintat** | **Qawwa** | **Għamla Farmaċewtika** | **Mnjen jingħata** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Rumanija | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 Inhaler | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Ir-Rumanija | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 Inhaler | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Ir-Rumanija | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 Inhaler | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Is-Slovakkja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 Inhalátor | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Is-Slovakkja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 Inhalátor | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Is-Slovakkja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 Inhalátor | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Slovenja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 µg inhalacijska raztopina pod tlakom | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Slovenja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 µg inhalacijska raztopina pod tlakom | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Slovenja | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 µg inhalacijska raztopina pod tlakom | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Spanja | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 40 mcg solución para inhalación en envase a presión | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |

| **Stat Membru** | **Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **L-Applikant** | **Isem Ivvintat** | **Qawwa** | **Għamla Farmaċewtika** | **Mnjen jingħata** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 80 mcg solución para inhalación en envase a presión | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Spanja | | ALTANA Pharma AG<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | Alvesco 160 mcg solución para inhalación en envase a presión | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Isvezja | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco | 40 µg/doża | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Isvezja | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco | 80 µg/ doża | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| L-Isvezja | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco | 160 µg/ doża | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Ir-Renju Unit | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 40 Inhaler | 40 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Ir-Renju Unit | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 80 Inhaler | 80 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |
| Ir-Renju Unit | Nycomed GmbH<br>Byk-Gulden-Str. 2<br>D-78467 Konstanz | | Alvesco 160 Inhaler | 160 µg | Sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni | Għal biex jinġibed man-nifs |

**ANNESS II**

**KONKLUŻJONIJIET XJENTIFIĊI U RAĠUNIJIET GĦALL-EMENDI TAS-SOMMARJU(I) TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, IT-TIKKETTAR U L-FULJETT TA' TAGĦRIF IPPREŻENTATI MILL-EMEA**

## KONKLUŻJONIJIET XJENTIFIĊI

## SOMMARJU GLOBALI TA' L-EVALWAZZJONI XJENTIFIKA TA' ALVESCO U L-ISMIJIET ASSOĊJATI (ara l-Anness I)

Ciclesonide huwa glukokortikojde użat għat-trattament tal-mard ostruttiv tal-pajp tan-nifs. Alvesco 40 Inhaler, 80 Inhaler u 160 Inhaler huma prodotti li fihom *ciclesonide*, li jiġu f'inalatur taħt pressa li jipprovdi dożi mkejla li fihom idroflworoalkanu etanoliku (*ethanolic hydrofluoroalkane*)-134A bħala propellant. L-inalatur huwa kanister ta' l-aluminju li fih 120 doża ta' 40 µg, 80 µg jew 160 µg *ex actuator*, li jikkorrespondu għal 50, 100, jew 200 µg għal kull għafsa. Dan il-prodott ġie sottomess skond l-artiklu 10.3 tad-Direttiva 2001/83/KE.

Waqt il-proċedura ta' għarfien reċiproku, l-awtoritajiet regolatorji ta' Franza kienu tal-fehma li l-prodott potenzjalment jista' jwassal għal riskju serju għas-saħħa pubblika mill-aspetti tas-sigurtà u l-effikaċja.

Tqajmu dawn il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' din l-applikazzjoni:

1. L-analiżi tar-riskju/benefiċċju ta' l-użu ta' dożi ogħla ta' *ciclesonide* fit-trattament ta' l-ażżmatiċi severi, billi d-dejta ta' appoġġ, interpretata skond il-gwida tas-CHMP, ma tippermettix l-awtorizzazzjoni ta' dożi regolari kuljum ikbar minn 160 mikrogramma fil-popolazzjoni tat-trattament.

Is-CHMP irrefera lill-NfG dwar l-Investigazzjoni Klinika tal-Prodotti Mediċinali fit-Trattament ta' l-Ażżma CPMP/EWP/2922/01, u kien tal-fehma li d-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq (MAH) ma kienx iġġustifika adegwatament l-inklużjoni tad-dożi ta' 320µg kuljum u 640µg kuljum ta' *ciclesonide.* Id-dejta ppreżentata fir-risposta issaħħaħ il-fatt li ma hemmx dejta effettiva li tqabbel id-dożi ta' 160, 320 u 640µg kuljum. Barra minn hekk, l-ebda wieħed mill-istudji sottomessi mill-MAH ma wera titjib sinjifikanti fl-FEV1 'il fuq minn 160µg kuljum fl-ażżmatiċi.

2. Ir-raġuni xjentifika għad-differenza ta' l-opinjoni dwar il-formolazzjoni tal-kliem proposta għall-varjazzjonijiet tat-Tip II ta' l-SPC ta' l-effikaċja tad-dożi ta' *ciclesonide* fuq it-tnaqqis fil-frekwenza ta' tqanqiliet fl-ażżma severa kif imfassla fit-Taqsimiet 4.2 u 5.1 mill-RMS fid-19 ta' Ottubru 2007 wara s-smigħ tas-CMDh.

Is-CHMP ikkunsidra r-rispons tad-Detentur għall-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq (MAH) li jappoġġja tibdil addizzjonali għat-Taqsima 4.2 tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott (SPC). L-istudju MI-129 ma ddeffiniex punt tat-tmiem primarju adegwat skond il-linji gwida attwali għall-ażżma. Is-CHMP kien imħasseb mill-fatt li l-MAH kontinwament ibbaża fuq ir-riżultati ta' l-istudju MI-140 u l-limitazzjonijiet magħrufa tiegħu: studju qasir ta' 3 xhur minflok minimu ta' 6 xhur; in-nuqqas ta' grupp li ngħata 320µg kuljum; u l-valur dibattibbli tat-titjib fit-tqanqiliet severi f'dożi ikbar minn tas-640 mingħajr iktar titjib fil-funzjoni tal-pulmun. Barra minn hekk, is-CHMP kien imħasseb bl-introduzzjoni tal-kunċett ta' qlib minn doża moderata għal waħda għolja ta' kortikosterojdi li jittieħdu man-nifs ta' Alvesco, għax din ma kinitx fis-sottomissjoni oriġinali. Bħala konklużjoni għall-evalwazzjoni, is-CHMP kien tal-fehma li l-formolazzjoni tal-kliem proposta għat-Taqsima 4.2 fi tmiem is-CMDh kienet se tibqa' adegwata jekk issir din l-emenda:

Id-doża rakkomandata ta' Alvesco hija ta' 160 mikrogramma darba kuljum, li twassal għal kontroll ta' l-ażżma fil-maġġoranza tal-pazjenti. Madankollu fl-ażżmatiċi severi, kien hemm studju ta' 12-il ġimgħa li wera li doża ta' 640µg kuljum (mogħtija bħala 320µg darbtejn kuljum) wasslet għal tnaqqis fil-frekwenza tat-tqanqiliet ta' l-ażżma iżda mingħajr titjib fil-funzjoni tal-pulmun (ara t-Taqsima 5.1).

Barra minn hekk, id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq (MAH) aċċetta li jemenda il-formulazzjoni tal-kliem għat-Taqsima 5.1 sabiex jinkludi iktar dettalji dwar l-Istudju M1 140, biex jindika li kien hemm differenza statisitika sinifikattiva bejn id-dożi ta' 160 mikrogrammi/jum u 640 mikrogrammi/jum ta' *ciclesonide* fir-rigward ta' l-okkorrenza ta' taħrix wara l-ewwel jum ta' l-istudju. Ġiet ukoll mibdula l-formulazzjoni tal-kliem proposta fil-Fuljett ta' Tagħrif fit-tmiem il-proċedura tas-CMDh sabiex din tkun tikkonforma ma' l-emendi fis-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott. L-

emendi fil-Fuljett ta' Tagħrif jinkludu nota dwar iż-żieda fid-doża ta' Avesco sa 640 mikrogrammi/jum, mogħtija bħala 320 mikrogrammi darbtejn kuljum, għal perjodu ta' żmien qasir f'pazjenti li s-sintomi tagħhom ta' l-ażżma jkunu marru għall-agħar. Madanakollu, in-nota tirreferi wkoll għan-nuqqas ta' dejta disponibbli sabiex tikkonferma li dan l-approċċ għandu effetti terapewtiċi addizzjonali wara 3 xhur bl-ogħla doża disponibbli.

3. L-MAH intalab ifisser il-metodi xjentifiċi fattibbli differenti għat-twettiq ta' studju ddisinjat tajjeb biex iqabbel 160 µg, 320 µg u 640 µg biex jikkjarifika l-bilanċ bejn l-effikaċja u r-riskju ta' 160 µg meta mqabbla ma' 320 µg u 640 µg fl-ażżmatiċi severi. Studju bħal dan għandu jkun konformi man-Nota għall-Gwida dwar l-Investigazzjoni Klinika ta' Prodotti Mediċinali fit-Trattament ta' l-Ażżma CPMP/EWP/2922/01.

Is-CHMP kien tal-fehma li l-MAH kien identifika popolazzjoni fil-mira fattibbli fir-rispons. Dawn il-pazjenti huma parzjalment ikkontrollati skond l-aħħar linji gwida tal-GINA. Il-perjodu tat-trattament u l-punt tat-tmiem primarju jidher adegwat biex ikejjel il-benefiċċju potenzjali ta' dożi ogħla ta' *ciclesonide.* Studju apposta li jiġi mfassal bil-għan li juri differenza li tkun statistikament sinnifikanti bejn id-dożi kollha huwa kkunsidrat iktar xieraq mill-aspett statistiku u kliniku. L-istudju propost (imsejjaħ Xenarju B) għandu jiġġenera kull tagħrif meħtieġ mill-applikant biex jissottometti varjazzjoni għat-Taqsima 4.2 tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott (SPC) li jkun jinkludi rakkomandazzjoni biex jintużaw dożi ogħla ta' *ciclesonide* kif propost mid-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq.

## RAĠUNIJIET GĦALL-EMENDI TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, L-ITTIKKETTAR U L-FULJETT TA' TAGĦRIF

Billi:

- Il-formolazzjoni tal-kliem proposta għat-Taqsima 4.2 tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott fi tmiem il-proċedura tal-CMDh ġiet emendata biex tirrifletti li fl-ażżmatiċi severi, kien hemm studju ta' 12-il ġimgħa li wera li doża ta' 640µg kuljum (mogħtija bħala 320µg darbtejn kuljum) wasslet għal tnaqqis fil-frekwenza tat-tqanqiliet ta' l-ażżma iżda mingħajr titjib fil-funzjoni tal-pulmun.

- Il-formulazzjoni ta' kliem proposta għat-Taqsima 5.1 tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott fi tmiem tal-proċedura tas-CMDh ġiet emendata sabiex tinkludi iktar dettalji dwar l-Istudju M1 140.

- Il-formulazzjoni ta' kliem proposta għat-Taqsimiet 3, 4 u 5 tal-Fuljett ta' Tagħrif fi tmiem tal-proċedura tas-CMDh ġiet konformament emendata

- Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq ippropona studju adegwat biex isolvi il-kwistjoni rikorrenti dwar l-użu fit-tul ta' 320 µg u 640 µg kuljum.

Is-CHMP irrakkomanda l-għoti ta' Awtorizzazzjoni(jiet) għat-Tqegħid fis-Suq għal Alvesco u ismijiet assoċjati, b'emendi għat-taqsimiet relevanti tat-Tagħrif dwar il-Prodott u b'impenn li dawn jitwettqu. Is-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott rivedut, l-ittikkettar u l-fuljett ta' tagħrif huma stipulati fl-Anness III ta' l-Opinjoni għal Alvesco u ismijiet assoċjati (ara l-Anness I). Il-kundizzjonijiet għall-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq huma stipulati fl-Anness IV.

L-applikant/Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq huwa mitlub jikkommetti ruħu li jikseb parir xjentifiku b'rabta ma' l-esplorazzjoni ta' tfassil għal studju xieraq, u li jwettaq dan l-istudju (i) biex jikseb iktar tagħrif dwar l-użu ta' doża ogħla ta' Alvesco fil-kontroll ta' l-ażżma severa.

## ANNESS III

## EMENDI GĦAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF

**EMENDI LI JRIDU JIĠU INKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET RILEVANTI TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT**

Is-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott validu huwa l-verżjoni finali miksuba waqt il-proċedura tal-grupp ta' Koordinazzjoni bl-emenda li ġejja:

## 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Il-prodott mediċinali hu għal biex jinġibed man-nifs biss.

Rakkomandazzjoni tad-dożaġġ għall-adulti u għall-adolexxenti:

Id-doża rakkomandata ta' Alvesco hi ta' 160 mikrogramma darba kuljum, li twassal għall-kontroll ta' l-ażżma fil-maġġoranza tal-pazjenti. Madankollu, f'pazjenti b'ażżma severa, studju li dam 12-il ġimgħa wera li doża ta' 640 mikrogramma/kuljum (mogħtija bħala 320 mikrogramma darbtejn kuljum) tnaqqas il-frekwenza ta' attakki eħrex, imma mingħajr l-ebda titjib fil-funzjoni tal-pulmun (ara sezzjoni 5.1).

## 5.1 Tagħrif farmakodinamiku

Ciclesonide juri affinità baxxa ta' twaħħil mar-riċettur tal-glukokortikojde. Ġaladarba jinġibed man-nifs mill-ħalq, ciclesonide jinbidel enzimatikament fil-pulmuni għal metabolit prinċipali (C21-des-methylpropionyl-ciclesonide) li għandu attività prominenti kontra l-infjammazzjoni, u għaldaqstant hu kkunsidrat bħala l-metabolit attiv.

F'erba' provi kliniċi, intwera li ciclesonide inaqqas l-iper-rispons tal-pajp tan-nifs għal adenosine monophosphate f'pazjenti iper-reattivi b'effett massimu li kien osservat fid-doża ta' 640 mikrogramma. Fi prova oħra, il-kura minn qabel b'ciclesonide għal sebat ijiem naqqset b'mod sinifikanti ir-reazzjonijiet fil-fażi bikrija u ta' l-aħħar wara l-allergen challenge li jinġibed man-nifs. Intwera wkoll li l-kura b'ciclesonide li jinġibed man-nifs tnaqqas iż-żieda fiċ-ċelluli infjammatorji (eosinofili totali) u medjaturi infjammatorji fl-isputum li jirriżulta.

Studju kkontrollat qabbel l-AUC ta' 24 siegħa ta' cortisol fil-plażma f'26 pazjent ażżmatiku wara 7 ijiem ta' kura. Meta mqabbel mal-plaċebo, il-kura b'ciclesonide 320, 640, u 1,280 mikrogramma/kuljum ma naqqsitx b'mod statistikament sinifikanti l-medji tal-ħin ta' 24 siegħa ta' cortisol fil-plażma (AUC(0-24)/24 siegħa) u lanqas ma kien osservat effett li jiddependi mid-doża.

Fi prova klinika li kienet tinvolvi 164 pazjentażżmatiku adulti rġiel u nisa, ciclesonide ngħata f'dożi ta' 320 mikrogramma jew 640 mikrogramma/kuljum fuq perijodu ta' 12-il ġimgħa. Wara stimulazzjoni b' 1 u 250 mikrogramma ta' cosyntropin, ma kien osservat l-ebda tibdil sinifikanti fil-livelli ta' cortisol fil-plażma kontra l-plaċebo.

Provi double-blind, ikkontrollati bil-plaċebo, li damu 12-il ġimgħa fuq adulti u adolexxenti, urew li l-kura b'ciclesonide irriżultat f'funzjoni mtejba tal-pulmun kif imkejla minn FEV1 u mill-fluss massimu respiratorju, kontroll imtejjeb tas-sintomi ta' l-ażżma u tnaqqis fil-ħtieġa ta' agonist ta' beta-2 li jinġibed man-nifs.

Fi studju li dam 12-il ġimgħa fuq 680 pazjent b'ażżma severa li fil-passat kienu kkurati b'500 -1000 mikrogramma ta' fluticasone propionate kuljum jew ekwivalenti, 87.3% u 93.3% tal-pazjenti baqgħu ħielsa mill-aggravament ta' l-ażżma matul il-kura b'160 jew 640 mikrogramma ta' ciclesonide, rispettivament. Fit-tmiem ta' perijodu ta' studju li dam 12-il ġimgħa, ir-riżultati wrew differenza statistikament sinifikanti bejn id-dożi ta' 160 mikrogramma u 640 mikrogramma/kuljum ta' ciclesonide fir-rigward ta' l-okkorrenza ta' aggravament wara l-ewwel jum ta' l-istudju: 43 pazjent/339 (=12.7%) fil-grupp li kien qed jingħata 160 mikrogrmma /kuljum u 23 pazjent/341 (6.7%) fil-grupp li kien qed jingħata 640 mikrogramma/kuljum (Proporzjon tal-periklu=0.526; p=0.0134). Iż-żewġ dożi ta' ciclesonide irriżultaw f'valuri FEV1 komparabbli wara 12-il ġimgħa. L-avvenimenti avversi marbuta mal-kura kienu osservati fi 3.8% u 5% tal-pazjenti kkurati b'160 jew 640 mikrogramma kuljum ta' ciclesonide rispettivament. Ma sar l-ebda studju biex iqabbel doża ta' kuljum ta' 160 mikrogramma, 320 mikrogramma u 640 mikrogramma f'pazjenti b'ażżma severa.

**EMENDI LI JRIDU JIĠU INKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET RILEVANTI TAT-TIKKETTA**

It-tikkettar validu huwa l-verżjoni finali miksuba waqt il-proċedura tal-grupp ta' Koordinazzjoni.

**EMENDI LI JRIDU JIĠU INKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET RILEVANTI TAL-FULJETT TA' TAGĦRIF**

Il-fuljett ta' tagħrif validu huwa l-verżjoni finali miksuba waqt il-proċedura tal-grupp ta' Koordinazzjoni bl-emendi li ġejjin:.

## FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU

**Alvesco 40, 80, u 160 mikrogramma sustanza taħt pressjoni għolja li tittieħed man-nifs, soluzzjoni**
**Ciclesonide**

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina**
- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sintomi bhal tiegħek.
- Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava, jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

**F'dan il-fuljett**:
1. X'inhu Alvesco u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tuża Alvesco (Din is-sezzjoni fiha informazzjoni importanti għas-sigurtà tiegħek)
3. Kif tuża Alvesco
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. KIf taħżen Alvesco
6. Aktar tagħrif

## 3. KIF TUŻA ALVESCO

Dejjem għandek tieħu din il-mediċina skond il-parir tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew ma' l-ispiżjar jekk ikollok xi dubju.

- Jekk tkun għadek kif bdejt tuża din il-mediċina minflok, jew flimkien mat-teħid ta' pilloli kortikosterojdi, ara sezzjoni 2, Pazjenti li diġà qed jieħdu pilloli kortikosterojdi

**Kemm għandi nieħu Alvesco kuljum?**
It-tabib tiegħek suppost li kellmek dwar kemm għandek bżonn tieħu mill-mediċina kuljum. Dan ser jiddependi fuq il-ħtieġa individwali tiegħek.

- Id-doża rakkomandata ta' Alvesco hi ta' 160 mikrogramma darba kuljum, li twassal għall-kontroll ta' l-ażżma fil-maġġoranza tal-pazjenti.
- F'xi pazjenti, it-tnaqqis fid-doża għal 80 mikrogramma, darba kuljum, jista' jkun doża adegwata biex iżomm kontoll effettiv ta' l-ażżma tagħhom.
- Żieda fid-dożaġġ ta' Alvesco tista' tkun meħtieġa għal perijodu qasir ta' żmien f'pazjenti li jbatu minn aggravament sever tas-sintomi ta' l-ażżma tagħhom. Din tista' tkun sa 640 mikrogramma kuljum, fornuta bħala 320 mikrogramma darbtejn kuljum iżda m'hemm l-ebda dejta disponibbli li tikkonferma l-effett terapewtiku addizzjonali wara 3 xhur b'dawn id-dożi ogħla.

Jekk ikun hemm bżonn, it-tabib tiegħek jista' wkoll jagħtik riċetta għal pilloli kortikosterojdi u/jew, fil-każ ta' infezzjoni, għal antibijotiku.
- It-tabib tiegħek ser jaġġusta d-doża tiegħek għall-minimu neċessarju biex jikkontrolla l-ażżma tiegħek.
- Għandek tibda tinnota titjib fis-sintomi tiegħek (tħarħir, tagħfis fis-sider u sogħla) fi żmien 24 iegħa.

**Meta għandi nuża l-inhaler Alvesco?**
Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, jew filgħodu jew filgħaxija - bħala waħda jew żewġ puffs darba kuljum. Segwi l-istruzzjonijiet tat-tabib tiegħek b'attenzjoni kbira. Hu importanti li tieħu Alvesco regolarment kuljum, anki jekk tħossok aħjar.

## 4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU

Bħal kull mediċina oħra, Alvesco jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd.

L-effetti sekondarji osservati b'Alvesco ġeneralment huma ħfief: Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, inti tista' tkompli bil-kura tiegħek. L-effetti sekondarji li jista' jkollok huma:

Effetti sekondarji rari ħafna (f'inqas minn 1 minn kull 10,000 pazjent ittrattati) :
Reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva immedjati jew li jseħħu wara ċertu żmien, bħal nefħa tax-xufftejn, ta' l-ilsien u tal-gerżuma (anġjodema). Pazjenti li jkollhom dawn is-sintomi għandhom jieqfu jużaw il-mediċina u jfittxu attenzjoni medika immedjata.

Effetti sekondarji mhux komuni (f'inqas minn 1 minn kull 100 pazjent ittrattati):
- tinħanaq, sogħla wara ġbid man-nifs, żieda fit-tħarħir wara l-ġbid man-nifs
- togħma ħażina, ħruq, infjammazzjoni, irritazzjoni, nixfa fil-ħalq jew fil-gerżuma
- raxx tal-ġilda u/jew ekżema li tikkawża ħakk u ħmura.

Alvesco jista' jaffettwa l-produzzjoni normali ta' kortikosterojdi f'ġismek. Dan normalment ikun osservat f'pazjenti li jkunu qed jieħdu dożi qawwija fuq perijodu twil ta' żmien. Dawn l-effetti sekondarji rari jistgħu jinkludu:
- tnaqqis fir-rata tat-tkabbir fl-adolexxenti
- irquqija ta' l-għadam
- possibbiltà li l-lenti ta' l-għajnejn tiċċajpar (katarretti) u tikkawża vista mċajpra
- telf tal-vista kkawżat minn pressjoni għolja b'mod anormali fl-għajnejn (glawkoma)
- wiċċ f'forma ta' qamar, żieda fil-piż fin-naħa ta' fuq tal-ġisem u d-dirgħajn u r-riġlejn jirqaqu (karatteristiċi Cushingoid jew sindromu ta' Cushing).

L-adolexxenti li jkunu qed jirċievu l-kura fit tul għandu jkollhom it-tul tagħhom iċċekkjat regolarment mit-tabib tagħhom. Jekk ir-rata ta' tkabbir tonqos, it-tabib tiegħek ser jaġġusta l-kura tiegħek għall-inqas doża possibbli li fiha jinżamm il-kontroll effettiv ta' l-ażżma.

Il-pilloli kortikosterojdi jistgħu jwasslu għal iktar effetti sekondarji minn inhaler tal-kortikosterojdi bħal Alvesco. Jekk tkun qed tieħu pilloli sterojdi qabel jew waqt li tkun qed tuża Alvesco, ir-riskju ta' effetti sekondarji mill-pilloli jista' jkompli għal perijodu ta' żmien. Visti regolari għand it-tabib tiegħek ser jiżguraw li tkun qed tieħu d-doża korretta ta' Alvesco. Visti regolari għandhom jidentifikaw ukoll kwalunkwe effetti sekondarji minn kmieni, u jnaqqsu ċ-ċansijiet tagħhom li jmorru għall-agħar.

Jekk jogħġbok ftakar:
Il-benefiċċji mistennija tal-mediċina tiegħek normalment ser ikunu ikbar mir-riskji li tbati minn xi effetti sekondarji li jkunu ta' ħsara.
Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava, jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 5. KIF TAĦŻEN ALVESCO

Żommu fejn ma jintaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**Il-kontenitur fih likwidu taħt pressjoni għolja. Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 50°C.**
Ittaqqabx il-kontenitur. Il-kontenitur m'għandux jittaqqab, jitkisser jew jinħaraq, anki jekk jidher li jkun vojt.

Bħal fil-każ tal-biċċa l-kbira ta’ mediċini li jinġibdu man-nifs f’kontenituri għal kontenut taħt pressjoni għolja, l-effett li jfejjaq ta’ dan il-prodott mediċinali jista’ jonqos meta l-kontenitur ikun kiesaħ. Madankollu, Alvesco jforni l-istess livell ta’ doża f’temperatura ta’ -10°C sa +40°C.

Tużax l-inhaler tiegħek wara d-data ta’ skadenza, li tidher fuq it-tabella u fuq il-kaxxa tal-kartun wara JIS. Id-data ta’ skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta’ dak ix-xahar.

Jekk it-tabib tiegħek jiddeċiedi li jwaqqaf il-kura jew jekk l-inhaler ikun vojt, ħu l-inhaler lura għand l-ispiżjar tiegħek biex jintrema mingħajr ma joħloq periklu. Dan hu importanti għax traċċi ta’ mediċina jistgħu jibqgħu fil-kontenitur anki jekk ikollok l-impressjoni li jista’ jkun vojt.

## ANNESS IV

## KUNDIZZJONIJIET GĦALL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

**KUNDIZZJONIJIET MEQJUSA ESSENZJALI GĦALL-UŻU EFFETTIV U SIGUR TAL-PRODOTT MEDIĊINALI INKLUŻA L-FARMAKOVIĠILANZA**

L-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti, ikkoordinati mill-Istat Membru ta' Referenza għandhom jiżguraw li dawn il-kundizzjonijiet jiġu mwettqa mid-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

- L-applikant/MAH huwa mitlub jikkommetti ruħu li jikseb pariri xjentifiċi b'rabta ma' l-esplorazzjoni ta' disinn ta' studju xieraq, u li jwettaq dan l-istudju(i) biex jipprovdi iktar tagħrif dwar l-użu ta' doża ogħla ta' Alvesco fil-kontroll ta' l-ażżma severa.